MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 48/2004

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Victor u Alexandra konjugi Tabone**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm599.88c (hames mija u disgha u disghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21235268 (numru tal-klijent 209048) liema servizz gie nstallat fil-fond 17, Flat 2, Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Mario Caruana li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm599.88c (hames mija u disgha u disghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------